

**Kav. Mario Coleiro OSJ**

# Porto Ercole



*Dan il-port huwa wieħed importanti ħafna u dan jixhdu l-fatt li mad-dawra tiegħu nsibu fdalijiet li jeħduna saħansitra għal żmien l-ewwel abitanti ta' dawn il-gżejjer.*

Meta wieħed iħares lejn il-ġeografija tal-gżira ta' Malta, jinnota li din il-gżira għandha diversi daħliet naturali li jistgħu jissejħu portijiet. Dawn jinsabu mqasmin mad-dawra ta' Malta kollha u għalhekk bħala gżira jagħmluha ideali għall-baħħara għax f'kull baħar ser isibu daħla kennija fejn jistgħu jagħtu kenn lill-opri tal-baħar tagħhom. Forsi din kienet waħda mir-raġunijiet prinċipali għalfejn Malta kienet imfittxija u meqjusa importanti sa minn żmien il-Pre-istorja.

Fost dawn il-portijiet insibu dak li llum insejħulu Marsaxlokk. Dan il-port huwa wieħed importanti ħafna u dan jixhdu l-fatt li mad-dawra tiegħu nsibu fdalijiet li jeħduna saħansitra għal żmien l-ewwel abitanti ta' dawn il-gżejjer. Storikament, dan il-port insibuh imsemmi bħala Porto Erkole li kien wieħed mill-Allat meqjuma fil-qedem. Sa mill-qedem insibu referenzi għal dan il-port li kien jissejjaħ b'dan l-isem. Tradizzjoni oħra hija li l-istatwa tal-irħam li nsibu fil-Mużew tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta u li tirrappreżenta lil Ercole kienet instabet propju f'dan il-Port.

Jekk nibdew inħarsu dawra tond ma' dan il-port nistgħu nibdew mill-fdalijiet tal-Maqdes ta' Guno li jinsab fuq l-għolja tas-Silġ. Hawnhekk naraw fdalijiet li jmorru lura għal żmien it-Tempji Megalitiċi. Fil-fatt l-ewwel bini fuq dan is-sit huwa tempju Pre-istoriku li nbena fil-fażi tat-tempji ta' Ħaġar Qim. Fih instabu xbihat ta' Alla tal-Fertilità. Fi żmien il-Feniċi dan il-Maqdes inbidel f'tempju ta' Axtarte li baqgħet tiġi vvenerata sa żmien ir-Rumani li jsejħulha Guno. Il-Biżantini bidluh f'Bażilka bil-Battisteru u l-Għarab dawruh għal Moskea.

Iktar lejn Ħas-Saptan insibu Għar Dalam li huwa post verament importanti għall-arkeoloġija. Meta saru l-iskavi f'dan l-għar fl-iktar strati fil-fond kienu nstabu fossili u ta' annimali primittivi li kienu f'dawn l-inħawi waqt il-formazzjoni tal-blata tal-gżejjer Maltin. Fl-istrati ta' fuqhom instabu għadam ta' annimali li kienu jgħixu hawnhekk meta l-baħar Mediterran kien għadu ma ffurmax u għalhekk artna ma kinitx gżira, imma kienet magħquda mal-kumplament tal-art. Minn dan l-għadam jidher li hawn kienu jgħixu annimali li llum iktar norbtuhom mal-ġungla. Fl-istrati ta' fuq instabu fdalijiet tal-ewwel abitanti tal-gżejjer tagħna. Dan kollu poġġa lil Għar Dalam fost wieħed mill-iktar postijiet ta' interess f'pajjiżna. Fuq in-naħa l-oħra ta' Wied Dalam, insibu l-fdalijiet tal-Villa Rumana imsejħa bħala ta' Kaċċatura. Din jidher li kienet villa agrikola u fiha kellha partijiet fejn kien jiġi proċessat iż-żejt taż-żebbuġa. Insibu wkoll ċisterna Rumana ta' daqs impressjonanti.

Kif wieħed ikompli nieżel lejn ix-xtajta tal-Bajja ta' San Ġorġ jiltaqa' mal-fdalijiet tal-villaġġ taż-Żmien il-Bronż ta' Borġ in-Nadur. Dan il-villaġġ importanti jurina kif fi żmien daqshekk bikri, l-abitanti kellhom diġà l-bżonn li jiddefendu ruħhom milli jiġu attakati. Il-fatt li dan il-villaġġ għandu madwaru ħitan ta' difiża, jurina li l-abitanti kienu qegħdin f'konflitt ma' tribujiet oħra f'Malta stess jew kienu qegħdin jiddefendu ruħhom minn attakki minn fuq il-baħar.

Tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-villaġġ ta' Żmien il-Bronż insibu l-fdalijiet tat-tempju Pre-Istoriku ta' Borġ in-Nadur. Dan it-tempju jeħodna lura għal-perjodu bikri fil-fażi tal-bini tat-tempji madwar 6000 sena ilu. Fdalijiet oħra ta' interess partikolari huma n-numru ta' fosos tal-qamħ ta' Żmien il-Bronż li nsibu fix-xatt tal-Bajja ta' San Ġorġ eżatt taħt il-Batterija ta' Żmien il-Kavallieri. Dawn jinsabu viċin ħafna tal-baħar u għalhekk dan juri li meta

tħaffru, ix-xatt tal-baħar ma kienx fejn narawh illum. Fatt ieħor li joħroġ minnhom huwa li l-kwantità tagħhom turi li dawn l-inħawi kellhom popolazzjoni mhux ħażin. Evidenza oħra li turi li x-xatt tal-baħar ma kienx fejn qiegħed illum jixhduh par Raddi fil-blat ( Cart Ruts) li narawhom neżlin fil-baħar.

Ma' dawn il-postijiet ma rridux ninsew li mad-dawra kollha tal-Port ta' Marsaxlokk instabu numru kbir ta' oqbra Puniċi u difniet ta' perjodi oħrajn li kollha jixhdhu li f'dawn l-inħawi l-attività kienet waħda movumentata għall-eluf ta' snin. Jidher però li fi Żmien il-Medjuevu meta l-Mediterran beda jiġi infestat mill-pirati tal-baħar u postijiet viċin il-baħar bdew isiru perikolużi. In-nies ma baqgħetx tabita daqshekk viċin tal-baħar. Għalhekk naraw li l-abitanti tal-gżejjer tagħna, aktar bdew ifittxu partijiet ta' ġewwa tal-gżejjer tagħna u postijiet viċin il-baħar ġew abbandunati. Meta fil-1530 il-Gżejjer Maltin ingħataw lill-Ordni ta' San Ġwann l-istorja bdiet tinbidel bil-mod. Hekk naraw li l-port ta' Marsaxlokk sar post aktar sikur wara li l-Gran Mastru Alof de Wignacourt fil-1610 bena minn flusu t-Torri ta' San Luċjan. Dan it-torri kien biżżejjed biex jaqta' darba għal dejjem l-iżbarki tal-furbani u tat-Torok f'dan il-port bħalma kien sar fl-Assedju l-Kbir. Wara naraw li l-Kavallieri komplew isaħħu d-difiża ta' dan il-port permezz ta' batteriji , ridotti u trunċieri. Dawn il-fortifikazzjonijiet kienu strumentali biex in-nies terġa' tibda tersaq lejn dawn l-inħawi u terġa' tibda tabita fihom. Fi żmien il-perjodu Ingliż il-fortifikazzjonijiet komplew jinbnew biex dan il-port ikun difiża mill-aħjar kontra attakki li setgħu jiġu minn fuq il-baħar.

Dan kollu juri kemm dan il-port minn dejjem kien port importanti għall-gżira ta' Malta u minn żmien għal żmien in-nies dejjem abitat f'dawn l-inħawi u ħafna minn dawk li għaddew minn hawn ħallew it-traċċi tagħhom warajhom.

